**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta’ Mejju 2023**

Rikors Numru: 171/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 3768/2016)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat nhar l-ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (20.11.2016);

2. Illi huma ghandhom iben bl-isem ta' E D B, li ghandu l-eta ta' hdax (11) -il sena u għalhekk għadu minuri;

3. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar it-tnax ta' Jannar tas-sena elfejn, wiehed u għoxrin (12.01.2021), b'insinwa numru tnejn hamsa sebgha tlieta zbarra wiehed u għoxrin (2573/21), anness u mmarkat Dok 'A';

4. Illi l-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u għalhekk m'hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward, filwaqt li l-manteniment dovut ghal minuri iben qieghed jithallas b'mod regolari u ma hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward;

5. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha imponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 t'April 2023;

Semgħet lill-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Jannar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.